MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 724/2010/1

**Simon Fiorini Lowell, John Fiorini Lowell u Johanna Fiorini Lowell**

**v.**

**Andrew sive Andy Botha**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar talba li saret minn Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghall-konvenut appellant fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2011 li biha talbet li tigi awtorizzata tipprezenta traduzzjoni ghall-Ingliz tar-rikors tal-appell u li

tigi awtorizzata tassumi l-obbligu li tittraduci lill-klient taghha l-andament ta’ dawn il-proceduri f’dan l-appell mill-Malti ghall-Ingliz.

**Fatti**

Fis-16 ta’ Settembru 2010 l-appellati pprezentaw rikors guramentat fil-Prim’awla tal-Qorti Civili redatt bl-ilsien Malti li bih talbu lill-ewwel Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh skont l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta’ sittax-il elf, mitejn, erbgha u disghin Euro u disgha u sittin centezmu (€16,294.69) kif premess fir-rikors;

3. tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-imsemmi ammont ta’ sittax-il elf, mitejn, erbgha u disghin Euro u disgha u sittin centezmu (€16,294.69).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1054/2010 tal-1 ta’ Lulju 2010, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-4 ta’ Ottubru 2010 u dakinhar saret talba ghan-nom tal-konvenut appellant sabiex il-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza peress li huwa ta’ nazzjonalita` Ingliza u ma jifhimx bil-Malti. L-ewwel Qorti laqghet it-talba. Sal-mument li l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut appellant il-proceduri kienu saru bil-Malti izda minn meta l-ewwel Qorti laqghet it-talba biex il-proceduri jissoktaw bl-Ingliz hekk sar u, kif trid il-ligi, is-sentenza appellata giet pronunzjata bl-ilsien Ingliz.

Gara izda, li l-konvenut appellant, li *ad istanza* tieghu l-proceduri kienu bdew isiru bl-Ingliz quddiem l-ewwel Qorti, appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti izda l-appell tieghu

gie redatt bl-ilsien Malti kontra dak dispost fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 2 tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

"…meta qorti tkun ordnat li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz, dak l-ilsien ghandu jigi wzat fl-istadji kollha sussegwenti tal-proceduri, kemm-il darba l-ordni ma jigix revokat minn dik il-qorti jew minn xi qorti ohra li quddiemha jkunu pendenti l-proceduri;"

L-atturi appellati wiegbu ghall-appell b'risposta tal-11 ta' Novembru 2010 li giet redatta bl-ilsien Malti u l-proceduri quddiem din il-Qorti ssoktaw bl-ilsien Malti.

Fl-udjenza quddiem din il-Qorti tas-16 ta' Mejju 2011, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li minkejja li b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-prim istanza laqghet talba tal-konvenuti sabiex il-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza r-rikors tal-appell u r-risposta saru bil-lingwa Maltija u ghalhekk saqsiet lill-partijiet x'ghandhom xi jghidu dwar dan fid-dawl ta' dak previst fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 2 tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li Dr. Paul Cachia ghall-atturi appellati irrimetta ruhu ghal dak li tipprovdi l-ligi Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghall-konvenut appellant talbet li tigi awtorizzata tipprezenta traduzzjoni ghall-Ingliz tar-rikors tal-appell u li tigi awtorizzata tassumi l-obbligu li tittraduci lill-klient taghha bl-andament ta' dawn il-proceduri f'dan l-appell mill-Malti ghall-Ingliz. Dakinhar il-kawza giet differita ghall-provvediment jew sentenza skont il-kaz wara li Dr. Tanya Sciberras Camilleri spjegat l-andament tas-seduta lill-klient taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ghalkemm il-paragrafu (d) tal-Artikolu 2 tal-Kap. 189 jipprovdi kif inghad fuq, l-istess Kap. 189 ma jipprovdix espressament ghas-sanzjoni tan-nullita` tal-att relattiv fin-nuqqas ta' osservanza tal-istess paragrafu (d). Jizdied ukoll illi wara l-prezentata tar-rikors tal-appell imsemmi li gie notifikat lil appellati l-istess appellati fir-risposta taghhom ma ssollevaw ebda ilment dwar il-fatt li r-rikors tal-appell gie pprezentat bil-Malti minflok bl-Ingliz u l-istess

appellati pprezentaw ir-risposta taghhom bil-Malti. Ghalhekk wara l-prezentata tar-rikors tal-appell l-appellati baqghu jaghmlu atti ohra minghajr ma eccepew in-nullita` tar-rikors tal-appell[1]. Inotre l-appellati ma sofrew ebda pregudizzju bil-fatt li r-rikors sar bil-Malti tant li l-proceduri kienu bdew isiru bl-Ingliz fuq talba ta' u a beneficcju tal-appellant u l-appellati qatt ma sabu ebda diffikulta` li l-proceduri jsiru bil-Malti. Ghalhekk ma hemmx l-estremi necessarja skont il-ligi sabiex tigi dikjarata n-nullita` tar-rikors tal-appell.

In vista tal-fatt, izda, li l-atti kollha wara s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri f'din l-istanza saru dejjem bil-Malti ma jidhirx li hu opportun li issa dawn jissoktaw fl-ilsien bl-Ingliz u ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Ottubru 2010 li bih laqghet it-talba tal-konvenut appellant sabiex il-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza.

In vista tal-premess, ghalhekk, ma hux il-kaz li tintlaqa' t-talba tal-konvenut appellant sabiex jigi awtorizzat jipprezenta traduzzjoni ghall-Ingliz tar-rikors tal-appell izda hu l-kaz li tintlaqa' t-talba tieghu sabiex Dr. Tanya Sciberras Camilleri tigi awtorizzata tassumi l-obbligu li tittraduci lill-konvenut appellant l-andament tal-proceduri kollha f'dan l-appell mill-Malti ghall-Ingliz.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-Prim'awla tal-Qorti Civili f'dawn il-proceduri tal-4 ta' Ottubru 2010 li bih laqghet it-talba tal-konvenut appellant sabiex il-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza u minflok tordna li l-proceduri jissoktaw fl-ilsien Malti, tichad it-talba tal-konvenut appellant fejn talab sabiex jigi awtorizzat jipprezenta traduzzjoni ghall-Ingliz tar-rikors tal-appell izda tilqaghha fejn talab li Dr. Tanya Sciberras Camilleri tigi awtorizzata tassumi l-obbligu li tittraduci lill-konvenut appellant l-andament tal-proceduri kollha f'dan l-appell mill-Malti ghall-Ingliz u hekk tordnalha taghmel.

[1] Ara Artikolu 790(2) Kap. 12

L-ispejjez ta’ dan l-incident jibqghu kollha a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------